MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 13/2005/1

**Joseph Mifsud et.**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta' Joseph Mifsud u Maria Concetta Mifsud li jghid:

"Illi huma ghandhom kif gew notifikati b'att gudizzjarju bid-data 10 ta' Mejju, 2005 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponenti s-somma ta' sitt elef u sebgha mija u hamsin lira (Lm6,750) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru wiehed (1) fit-Telgha ta' Hannover f'Bormla skond l-istima li hemm imsemmija fl-Avviz numru 255 li saret mill-Perit Arkitett Fred H. Valentino;

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw dina l-offerta u qeghdin jindikaw is-somma ta' hmistax il-elf u hames mitt

lira (Lm15,500) bhala s-somma li jippretendu bhala kumpens ghall-imsemmi fond u dana skond stima tal-AIC John Attard datata 7 t'April, 2005, originali anness bhal Dok B."

Ra ukoll ir-risposta tad-Direttur ta' l-Artijiet li tghid:

"Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 18 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-Gvern ta' sitt elef u sebgha mija u hamsin Lira Maltin (Lm6,750), ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 1, fit-Telgha ta' Hanover, f'Bormla u qeghdin jippretendu illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta' hmistax il-elf u hames mitt Lira Maltin (Lm15,500).

Illi l-esponent qieghed jibqa jsostni illi l-valur tal-fond huwa dak fuq citat, u cioe', l-ammont ta' sitt elef u sebgha mija u hamsin Lira Maltin (Lm6,750), li huwa dak l-ammont li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu, 2005 permezz tal-Avviz numru 255;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' sitt elef u sebgha mija u hamsin Lira Maltin (Lm6,750), bhala kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni tal-fond fuq imsemmi."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-periti arkitetti l-AIC Joseph Jaccarini u AIC Renato Laferla u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

Ghaldaqstant, is-sottofirmati, wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha determinanti, fosthom il-posizzjoni tal-fond, il-fatt li jintlehaq direttament mit-Triq minn tarag mibni bejn hitan, u t-tqassim bil-partitions ghal xi whud mill-ambjenti deskritti, qieghdin jistmaw il-valur tal-fond bil-prezz ta' seba' t'elef lira Maltin – Lm7,000.00. (Irid jigi relevat li fir-rikors tieghu r-rikrrenti kien qed jippretendi s-somma ta' Lm15,500.00 – hmistax il-elf u hames mitt lira ta' Malta, wara li l-Kummissarju tal-Art kien offra s-somma ta' sitt'elef u seba mija u hamsin lira ta' Malta – Lm6,750);

Illi l-ammont ta' Lm7,000.00 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 16,305.61

Illi l-perit arkitett tad-Direttur tal-Artijiet, kien ghamel stima ta' Lm6,750 filwaqt li r-rikorrenti kienet ottjeniet stima fl-ammont ta' Lm15,500, izda  ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal- fond numru wiehed (1) fit-Telgha ta' Hannover f'Bormla, fl-ammont ta' **Euro 16,305.61**oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------